MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 259/2006

**Socjeta Maltacom p.l.c. (C 22334) u b'digriet tal-5 ta' Frar 2008 il-kliem 'Maltacom p.l.c.' gie mibdul ghal 'GO p.l.c.'**

**Vs**

**Anthony Valvo (ID No 737555M) bhala stalcjarju ta' MSD Tax & Corporate Limited (C 17290) gja MSD Tax & Corporate Services Limited gja Mizzi Doublet Scerri & Co.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' rikorrenti ossija attrici talbet sabiex l-intimat ossija konvenut fil-kwalita tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett elef erbgha mija disgha u sittin lira maltin u centezmu (Lm3,469.01) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma diversi servizzi telefonici

u dana skond ma kif jidher mid-dokumenti annessi markati Dok  A, B, C, D, E, F, G, H , I, J, K, L u M.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra ufficjali datata 31 ta' Mejju 2006, mibghuta ai termini ta' Art. 166 (A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, kfi ukoll bl-imghaxijiet kontra l-konvenut mid-data ta' l-istess ittra ufficjali, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 14 ibid.

Rat ir-risposta tal-istess konvenut nomine (fol 21 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' MSD Tax & Corporate Limited m'hix il-legittima kontradittrici f'din il-kawza kif del resto indikat bid-dokumenti esebiti mill-istess socjeta' attrici fir-rikors taghha u di piu', qatt ma kien jisimha 'MSD Tax & Corporate Services Limited' jew 'Mizzi Doublet Scerri & Co' kif qed jigi allegat.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi kif, jidher mill-atti

a) L-ammont mitlub mhux qed jigi kontestat izda;
b) Qed jigi sostnut mill-konvenut nomine illi s-socjeta' 'MSD Tax and Corporate Limited' ma hiex il-legittimu kontradittur u din l-istess socjeta' qatt ma kellha l-isem ta' 'MSD Tax and Corporate Services Limited' jew ' Mizzi Doublet Scerri and Co'.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward din l-unika eccezzjoni sottomessa mill-konvenut li gie mharrek bhala stralcarju tas-socjetajiet hawn fuq imsemmija, Ivan Calamatta stazzjonat fl-ufficju inkarigat mill-gbir tad-dejn dovut lis-socjeta' attrici spjega (fol 35 et seq ibid) illi d-dokument, imsemmi fix-xhieda tieghu u datat is-16 ta' Jannar 1995 kien gie ffirmat minn certu Guido Mizzi f'isem 'Mizzi Doublet Scerri and Co' li tikkonsisti f'ditta ta' 'accountants' u permezz ta' din l-ittra kellu jkun hemm bidla, in rigward numri telefonici w is-servizz relattiv fis-sens li l-istess numri kellhom jigu trasferiti fuq isem is-socjeta' li ssemmiet. Sussegwentment, meta saru l-istess tip ta' talbiet, kull applikazzjoni, anke in rigward il-bdil tal-post, dawn dejjem saru f'isem l-istess ditta msemmija. Pero matul iz-zmien, kien hemm korrispondenza li tghid illi l-isem 'taghhom' inbidel ghal 'Ernest and Young' formerly MSD and Co. Fl-ahharnett ix-xhud semma' illi l-ahhar 'subscriber' '… indikat lilna kien 'MSD and Co (Ernest and Young Limited) waqt li f'dan il-perjodu, kull dokument mibghut lis-socjeta' attrici kif ffirmat minn certu Taddeo Scerri.

Illi l-istess Taddeo Scerri gie prodott (fol 26 u fol 65 et seq ibid) u spejga li s-socjeta' 'Mizzi Doublet Xerri and Co' kienet ditta ta' 'accountants' u rrefera ghaliha bhala 'a civil partnership' waqt li 'MSD Tax and Corporate Limited' kienet socjeta kummercjali ffirmata a bazi tal-' Companies Act' u aventi, bhala azzjonisti lix-xhud u l-persuni l-ohra formanti parti mill-imsemmi socjeta' civili waqt li giet deskritta minnu bhala 'sussidjarja tal-istess socjeta' civili. Dwar l-istess socjetajiet msemmija inkluzi dik civili, dawn kollha kienu sitwati f'indirizz wiehed. Inoltre dwar il-lista ta' numri telefonici elenkati a fol tnejn (2) tal-atti, l-ewwel tnejn kienu, filfatt in–numri tas-servizz tat-telefon tal-istess socjeta' civili ta' 'accountants' u din is-socjeta kienet ghadha 'kostitwita pero ma tiffunzjonax' u kienet kostitwita bhala membru mill-persuni msemmija fl-istess xhieda b'diversi minn dawn involuti fis-socjetajiet kummercjali msemmija (ara ukoll d-dokument a fol 29 ibid dwar il-bdil fl-isem tas-socjeta' 'MSD Tax and Corporate Limited (C 17290) – in dissolution' kif ukoll dawk a fol 32 et seq ibid in konnessjoni man-numru ta' 'V.A.T.' differenti bejn is-socjetajiet kummercjali). In kontro esami, ix-xhud

ppreciza illi is-servizzi telefonici in kwistjoni kienu jappartjenu lis-socjeta' civili msemmija izda '…. s-socjetajiet l-ohrajn kienu jaghmlu uzu mis-servizzi …'.

Illi, mid-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur (a fol 3 et seq ibid) jidher li dawn, konsistenti fil-ftehim li sar mas-socjeta' attrici dwar is-servizzi ta' telefon in esami, kienu saru f'isem is-socjeta' civili msemmija wahedha u ma hemm ebda accenn fihom ghas-socjetajiet kummercjali msemmija.  Ghalhekk, l-istess socjetajiet kummercjali ma jistghux jigu konsiderati, la fuq bazi tal-fatti u la legalment, bhala legittimi kontraditturi.

Illi in rigward is-socjeta' civili li hi regolata permezz tal-artikolu 1644 sal-artikolu 1688 tal-Kodici Civili, jinghad fl-artikolu 1677 illi, vis-à-vis il-kredituri tal-istess socjeta' is-socji huma obbligati lejn il-kredituri kull wiehed minnhom ghal somma u sehem indaqs sakemm ma jkunx hemm xi ftehim 'ad hoc' u espressament maghmul bejn l-istess socji. Dan jfisser illi kawza bhal din in esami kellha ssir kontra kull socji involut fl-istess socjeta' (ara ukoll l-artikolu 1676 u 1678 ibid).

Illi din il-kawza saret kontra stralcarju u mill-okkju qed jigi sottointiz illi kien hemm xi zmien meta s-socjeta' 'Mizzi Doublet Scerri and Co' kienet filfatt ta' natura kummercjali u l-attur nomine gie nominat bhala stralcarju ta' socjeta' li filfatt kienet wahda civili, socjeta' li kienet ghadha in esistenza, avolja ma tiffunzjonax.

Illi, ghalhekk din il-kawza kellha issir kontra s-socji kollha tal-istess socjeta civili u mhux kif proposta. Konsegwentement it-talba in esami ma tistax tigi akkolta ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, waqt li tilqa' l-eccezzjoni preliminari in esami tillibera lill-konvenut nomine mill-osservanza tal-gudizzju.  In rigward l-ispejjes, ta' din il-procedura, dawn ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------